**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**V**

**EUGENIO CAMENZULI**

**Illum, 11 ta' Marzu, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EUGENIO CAMENZULI** ta’ tnejn w erbghin sena, bin Dominic u Vincenza nee Micallef imwieled s-Siggiewi nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1958 u joqghod 'Simar', Ta' Brandin, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita numru 14359M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Awissu, 2001 u fiz-zminijiet ta' qabel din d-data, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu

maghmulin b'rizoluzzjoni wahda gewwa Wied z-Zurrieq u cioe fil-bajja tal-istess lok, f'hinijiet differenti, kkommetta serq ta’ diversi oggetti u flus liema valur totali hu ammontabbli ghal aktar minn mitt lira maltin izda mhux aktar minn elf lira maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta’ diversi persuni ta' nazzjonalita baranija kif wkoll maltija.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew jixtrihom.

Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 48, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza li saret definittiva fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla J datata tmienja ta' Jannar, 1982.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita skond l-ligi tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni

KAG 273 tal-ghamla Austin 1000 ta' kulur ahmar ghal perjodu hekk kif stabbilit skond l-ligi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dan il-process fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Awissu, 2001 esibit fl-atti a fol 12 markat bhala dokument CSH 1.

Semghet ix-xhieda prodotta  mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-arltikoli 49, 50, 261, 267, 279, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel w it-tielet akkuza kif registrat fl-atti fis-seduta tal-wiehed u tletin ta' Jannar, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza ta' serq u ta' recidiva.

Il-Qorti tirrileva li l-akkuza ta' ricettazzjoni nghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternativa ghall-akkuza ta'serq u peress li

l-Qorti qed ssibu hati tal-akkuza ta' serq mhux qed ssibu hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u ghalhekk tilliberah minnha.

Qisiet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment rat il-pre sentencing inquiry report ppresentat. Minn ezami ta' dan r-rapport jirriuzlta li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' droga u li fil-fatt ghaddej programm ta' disintossifikazzjoni residenzjali.

Rat li hafna mill-oggetti misruqa gew ritornati lil sidhom kif de resto stqarr Daniel Grohman.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibiti fl-atti u minn ezami tal-istess jirrizulta li huwa ghandu tmien akkuzi registrati fuqha sa mill-1979, liema reati jikkoncernaw kontravenzjoni dwar tipjip f'post miftuh ghal pubbliku, ksur tal-paci pubblika, ksur ta' digriet tal-Qorti dwar nuqqas ta' ghoti ta' manteniment, pussess ta' Cannabis u pussess ta' Eroina.

Fic-cirkostanzi ghalhekk thoss li l-piena idoneja hija dik ta' multa u oltre dan pero l-Qorti sejra tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation.

**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat EUGENIO CAMENZULI hati tal-ewwel w it-tielet akkuza u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin lira maltin li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghaxar liri.**

**Oltre dan qed tpoggi lil imputat EUGENIO CAMENZULI taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg taht l-kundizzjonijiet segwenti:**

1. **li l-imputat jiffinalizza programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga u f'kaz li hu jisplittja il-Qorti tordna li tigi nfurmata minnufih;**
2. **li jaghti kampjun tal-urina tieghu skond kif jigi gwidat mill-Ufficjal tal-Probation u f'kaz li jirrizulta**

**positiv ghal presenza ta' droga, il-Qorti tesigi li tkun nfurmata minnufih;**

3. **li l-imputat probationer jsegwi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer Carmen Borg f'kull hin;**
4. **li l-imputat probationer jingieb quddiem il-Qorti darba kull erba xhur sabiex l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg tinforma lil Qorti dwar l-andament tieghu.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni li tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Austin hamra bin-numru ta' registrazzjoni KAG 273, il-Qorti rat li din il-vettura fl-ebda hin ma giet esibit f'dawn l-atti la b'mod materjali u lanqas b'mod formali u ghalhekk ma tistax tordna l-konfiska taghha u ghalhekk tali talba qed tigi michuda.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**